

## V

(Opinjonijiet)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-11 ta' Frar 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Düsseldorf — Il-Ġermanja) — Hoesch Metals and Alloys GmbH vs Hauptzollamt Aachen**

(Kawża C-373/08) <sup>(1)</sup>

**(Kodiċi Doganali tal-Komunità Artikolu 24 — Oriġini mhux preferenzjali tal-prodotti — Proċessar jew xogħol li jikkonferixxi l-oriġini — Blokk tas-silikon li ġejjen miċ-Ċina — Separazzjoni, titħin u purifikazzjoni tal-blokk kif ukoll iffiltrar u tisfif tal-kristalli skont id-daqs tagħhom u l-ippakkjar tagħhom fl-Indja — Dumping — Validità tar-Regolament (KE) Nru 398/2004)**

(2010/C 80/03)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Düsseldorf

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Hoesch Metals and Alloys GmbH

Konvenuta: Hauptzollamt Aachen

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Finanzgericht Düsseldorf — Interpretazzjoni tal-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307) — Validità tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 398/2004, tat-2 ta' Marzu 2004, li jimponi dazju definit kontra d-dumping fuq l-importazzjoni tas-silikon li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 50 p. 40) — Kunċett ta' "proċessar jew xogħol sostanzjali" li jiddetermina l-oriġini tal-prodott — Tindif u titħin ta' blokk tal-metall tas-silikon miċ-Ċina, kif ukoll it-tisfif, is-separazzjoni u l-ippakkjar tal-kristalli tas-silikon hekk miksuba

**Dispożittiv**

- (1) Is-separazzjoni, it-titħin u l-purifikazzjoni tal-blokk tas-silikon kif ukoll l-iffiltrar, it-tisfif u l-ippakkjar sussegwenti tal-kristalli tas-silikon li jirriżultaw mit-titħin, kif magħmul fil-kawża prinċipali, ma jikkostitwixxux proċessar jew xogħol li jikkonferixxi l-oriġini fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità.
- (2) L-evalwazzjoni tat-tieni domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju ma żvelat ebda element tali li jaffettwa l-validità tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 398/2004, li timponi dazju definit kontra d-dumping fuq l-importazzjoni tas-silikon li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

<sup>(1)</sup> ĠU C 272, 25.10.2008.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-11 ta' Frar 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Vestre Landsret — id-Danimarka) — Ingeniørforeningen i Danmark, li qed taġixxi għal Bertram Holst vs Dansk Arbejdsgiverforening, li qed taġixxi għal Babcock & Wilcox Vølund ApS**

(Kawża C-405/08) <sup>(1)</sup>

**(Politika soċjali — Informazzjoni u konsultazzjoni tal-ħaddiema — Direttiva 2002/14/KE — Traspożizzjoni tad-Direttiva permezz ta' liġi minflok ta' ftehim kollettiv — Effetti tal-ftehim kollettiv fir-rigward ta' ħaddiem li mhuwiex membru tal-organizzazzjoni sindakali firmatarja tal-imsemmi ftehim — Artikolu 7 — Protezzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema — Ħtieġa ta' livell għoli ta' protezzjoni kontra t-tkeċċija mix-xogħol — Assenza)**

(2010/C 80/04)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

**Qorti tar-rinviju**

Vestre Landsret